MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 29/2009

**Silvana u Raymond Zammit**

**vs**

**Middlesea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Dicembru, 2009, l-Arbitru fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**1. Dan l-arbitragg jirrigwarda konsegwenzi ta’ incident tat-traffiku li kien sehha f'Ottubru tas-sena 2003. Ir-rikorrenti spjegaw li f’dan l-incident kienet involuta l-vettura CBJ 137 Mercedes. Dwar responsabilita' ma kien hemm ebda diswgid u in fatti saru ammont ta’ hlasijiet mis-socjeta` konvenuta biex ikopru parti mid-danni inkorsi mill-

atturi. It-talba tar-rikorrenti hija limitata ghal Lm 5000 kif indikat fl-Avviz ta' Arbitragg innifsu.

2. L-intimati eccepew li l-ammont ta' danni mitluba kienu eccessivi.

3. Il-partijiet fl-ewwel seduta ddikjaraw li l-ammont mitlub ma jeccedix il-Lm 5000 u li jikkonsisti fis-somma ta' Lm 566 bilanc ta' riparazzjonijiet li mhumiex qed jigu kontestati u l-bqija huwa deprezzament li qed jigi kontestat. Ghalhekk ghandna quddiemna effettivament decizjoni li trid tittiehed dwar il-kwistjoni ta' deprezzament fl-ammont ta' LM 4434.

4. Ix-xhieda relattiva ngabret hekk:

*<u>Joseph Zammit</u>*

*Naghmel riferenza ghar-rapport minni redatt fuq inkariku tar-rikorrenti liema rapport huwa datat 05.01.04. Il-kaz niftakru sew. Il-karozza rajtha darba bil-hsara li hemm deskritt fir-rapport. Kienet vettura importata mill-Ingilterra pero' vehicle service history ma rajtx. Dokumenti ma kellix. Spjegali l-history biex nghidu hekk sidha. Zammit huwa dealer u nafu jinnegozja vetturi ta' certu klassi bhal ma kienet il-Mercedes in kwistjoni.*

*Il-hsara kienet minni deskritti bhala extensive. Kienu aktar minn semplicement kosmetici. Jiena wzajt il-kelma extensive billi kien hemm structural damage ukoll u mhux bolt on parts biss. Il-vettura kellha daqqa fuq quddiem lejn il-lemin. Ix-Chassis leg kien mimsus minn gewwa. Is-saqaf intefah, tbewwaq ftit.*

*...*

*Ma rrizultalix li l-vettura kellha daqqa qabel. Il-vettura kienet ghadha biz-zeba originali tal-fabbrika.*

*Il-pre-accident value wasalt ghalija billi gbidt il-valuri ta' kif tohrog gdida. Kienet f'kundizzjoni tajba hafna. Bhala parts ma tantx kien hemm x'jinbidlu. L-aktar li kellha kien xoghol in generali milli parts. Neskludi li jiena rajt il-contract of purchase tal-vettura. Ma nafx x'sar minnha ilium. Ma nafx jekk sarux repairs.*

*Il-mileage huwa importanti biex inqabbel il-kudizzjoni tal-vettura mal-mileage. F'dan il-kaz deher tajjeb.*

<u>Mario Cumbo</u>

*Fuq dan il-kaz jiena kont gejt inkarikat minn Middle Sea bhala surveyor sabiex naghmel l-accertament li soltu naghmel fuq vetturi.* ***F'dan il-kaz pero' il-vettura ma rajthiex.*** *Jiena kont gejt avvicinat minn Middlea Sea xi zmien wara li sehh il-kaz. Nikkonferma li jiena qatt ma rajt il-vettura in kwistjoni la mahbuta u lanqas wara li ssewwiet. Meta kont avvicinajt is-sid kien qalli li kien bieghha. Jiena li kont rajt kienet id-dokumentazzjoni relattiva. Jiena gejt involut fil-kaz xi sena wara l-claim. Jiena kont gejt avvicinat meta saret il-claim ta' depreciation.*

*Meta kont gejt involut kien gja kien hemm ghadd ta' korrispondenza u l-posizzjoni ta' Middle Sea kienet li l-claim ghal deprezzament trid tkun fondata. Kien sar rapport minn James Mercieca u minn Joseph Zammit. Lili deherli li ma kienx hemm raguni l-ghala kellu jkun hemm deprezzament. Id-domandi li kienu importanti ghalija kienu jekk Joseph Zammit rax il-vettura qabel l-incident u jekk rahiex wara li ssewwiet biex jara jekk hemm deprezzament u kemm hu.*

*Dwar il-pre-accident value moghti minn Joseph Zammit ta' Lm 39,500 l-akbar query tieghi kienet dwar kif wasal ghal din il-figura. Jekk kienx jaf il-*

*history taghha, jekk hemmx service history, jekk rax id-document of importation, jekk iccekkjax dwar iz-zeba tal-vettura jigifieri jekk kienitx mizmubgha qabel l-incident. Ir-rapport ta' Joseph Zammit ma jurix dawn l-affarijiet. Jiena ghamilt il-queries relattivi internament mal-Middlesea. Kuntatt mal-claimant fuq dawn il-queries ma kellix.*

*Il-parts li nbiddlu jidhru in generali li kienu tali li ma kellhom jaffettaw l-istruttura tal-vettura ossia kienu parti kosmetici. Ghamilt ukoll query jekk il-parts kienux originali. Jekk il-parts kienu originali u r-repairer kien maghmul mis-sid minn fejn jirrizulta deprezzament?*

*Huwa difficli ghalija nistabilixxi pre-accident value ta' din it-tip ta' karozza billi kienet ta' tip ta' karozza unika. Mhux qed nitkellmu dwar vettura li jinbieghu mijiet minnha fis-sena. Mudell aktar recenti kien inbiegh ghal LM 22,000 minghand dealer xi sena wara. Kien mudell tal-1999. With all fairness dan ma jorbotx. Li jsiwa ghalija huwa a good service history. Karozza second hand mill-Ingilterra minghajr service history titlef hafna mill-valur. Kellna ghalhekk fatti nieqsa biex naslu ghall-valuri u konkluzjonijiet relattivi.*

*Jiena ghamilt ir-rapporf tieghi f'Novembru 2004. Dan gie mghoddi internament lil Patrick Muscat. Feedback fuq il-queries tieghi ma kellix. Jiena kont gejt infurmat li gja kien hemm ftehim fuq il-bejgh tal-vettura meta gara l-incident. Ma niftakarx li kont avzat li l-prezz eventwali tal-bejgh kien ta' Lm 39,500. Ma tistax teskludi li l-prezz tal-bejgh ta' dik il-vettura kien ta' Lm 39,500 pero' bl-istess mod ma nistax nikkonfermah.*

*Il-hsara fis-saqaf hemm nota dwarha, pero' l-entita` taghha jiena ma nafx fuqha. Id-deskrizzjoni ta' James Mercieca hija ta' hsara minima fuq is-saqaf. Pero' l-hsara fis-saqaf skond Joseph Zammit kienet aktar konsiderevoli.*

*James Mercieca:*

*Xoghli huwa ta' surveyor u kont gejt imqabbad minn Middlesea Insurance sabiex naghmel spezzjoni fuq vettura numru CBJ 137 li kienet Mercedes. Ghamilt spezzjoni fit-29.10.03. u hrigt rapport relattiv li qed nesebih bhala Dok JM. Il-kaz niftakru.*

*Bhala kundizzjoni jiena nizzilt good. Din tfisser li ma kellhiex hsarat vizibbli oltre dak li kien hemm tad-daqqa. Jiena ghamilt kumment no agreement with repairer. Non approved repairer. Din tfisser li ma qbilniex fuq il-quantum tal-hsarat u li r-repairer ma kienx fil-lista tat-tellara approvati. In-nuqqas ta' qbil ma kienx fuq il-hsarat sofferti izda kien fuq il-prezz ta' labour u spray. Fil-fatt sussegwentement sar ftehim bejn ir-repairer u middlesea. Fil-fatt kull ma kien hemm kienet zieda zghira. Kollox xi Lm 27. Repair days kienu 8 working days. Fuq dawn il-granet qbilna basta l-parts ikunu available.*

*Dwar il-hsarat fis-saqaf nista nghid li l-vettura kellha daqqa fuq quddiem. Il-vettura kellha sun roof u bit-tip ta' daqqa li hadet huwa normali li l-vettura jkollha zewg dents fil-gnub tas-sunroof. Din mhix xi hsara kbira. Hsara riparabbli. Fil-fatt jien tajt erba sighat sabiex titnehha t-tapezzeria fis-saqaf u hames sighat titliegh u irfinar (panel beating).*

*Il-vettura ma rajthiex bix-xoghlijiet lesti. Naqbel li l-vettura kienet ta' certu klassi. Wahda mill-affarijiet li tbiddlu kienu l-headlamp. Niftaker li nbiddlu z-zewg headlamps minhabba /-fatt li l-vettura kienet ta' certa kwalita' u ghalhekk biex id-dawl jiddi l-istess miz-zewg headlamps inbidel anki l-headlamp it-tajjeb u bi ftehim mal-klijent l-assikurazzjoni hallset nofs il-prezz relattiv.*

*Jiena ma gejtx mitlub naghti pre-accident value taghha. Mhix haga facli f'dan il-kaz billi hija vettura mhux tas-soltu u wiehed irid jaghmel certu ricerka. Qaluli li l-habta grat waqt li l-vettura kienet qed tinsaq fuq test drive.*

*<u>James Zammit:</u>*

*...*

*Jiena nahdem ma' Raymond Auto Dealer li hija l-azjenda ta' missieri u ghalhekk jiena gieli nwassal il-vetturi minn post ghal iehor bhala parti minn xoghol tieghi.*

*Il-vettura kieku ma kienitx mibjugha kienet tibqa fix-showroom. Kieku ma kontx taf li second hand kont tahsibha gdida. Kellha full extras including leather orthopaedic seats, fridge.*

*Nikonferma l-hsara fis-saqaf. Il-pulizija ma semmihiex pero` l-pulizija mhux tekniku. Il-hsara fis-saqaf kienu dents bid-daqqa li hadet il-vettura. Naturalment id-daqqa ma kienitx ta' 10 mili fis-siegha. Bejnietna kellna speed ta' xi 70 kilometri fis-siegha. Daqqa tajba. Bid-daqqa l-vettura l-ohra bbouncjat lura xi tletin pied.*

*<u>Steven Camilleri:</u>*

*Jiena qed nixhed in rappresentanza tas-socjeta' Autosales Ltd. li hija l-agenti ufficjali tal-Mercedes Benz. Dwar il-market value li jiena gejt mitlub nixhed nista nghid li /-Mercedes C 500 ma kienx jezisti madell b'dak l-isem izda kien jezisti mudell S 500 C. Dan il-mudell ta' l-ahhar kellu valur fiz-zmien meta kien gdid jigifieri fis-sena 1996 ta' Lm 68,800 including VAT. Second hand market value dwar vetturi din it-tip ma nahdumhomx. Ahna nuzaw network ta' second hand dealers u effettivament jaghmlu huma. Id-Dwana meta jitolbuna valur ta' vettura second hand dejjem*

*kienet tkun talba ta' valur fil-mument li l-vettura tigi manufatturata u mhux market value presenti.*

*Dan il-prezz huwa basic. Hafna affarijiet ikunu standard pero' hemm xi affarijiet ohra.*

*Raymond Zammit*

*(Affidavit u wara kontro ezami u deposizzjoni ulterjuri)*

*Il-mara tieghi kienet akkwistat Mercedes bin-numru CBJ 137 u kienet hallitha mieghi biex insib il-bejgh taghha.*

*F'okkazjoni minnhom gie klijent tieghi Sergio Afford li wera interess li jakkwista l-mercedes u verbalment indika li ser jixtriha bil-prezz ta' 40,000 pero ried jipprova. ...*

*Il-Middlesea Insurance hallset il-parts izda ma hallsitx Lm 566 tal-Labour u spray minkejja li accetat li thallashom ... jiena inkarigajt lil Mr Joseph Zammit bhala espert fil-materja u wara li ezamina l-karozza kkonkluda li ken ken hemm depreciation ta' Lm 5800.*

*Meta xtrajt il-vettura jiena ccekkjajt il-log book u ma tlabt ebda dokument ta' importazzjoni jew service history barranija. Il-vettura mhux jien impurtajtha. Dwar incidenti li nista' nghid huwa li ahna nindunaw mill-karozza stess. Nifthu l-bonnet minn gewwa u naraw l-inner panels. Ilni f'dan il-mestier hafna snin. Minn ghand min xtrajtha ma nafx kienx juzaha fit-triq jew hallihiex fix-showroom. Pero' li nista nghid huwa li jiena xtrajtha minghand dealer.*

*Jiena tellajt il-vettura ghand hija. Huwa armat bil-makkinarju tas-soltu nkluz il-jack, jig u measuring system biex jigbidha.*

*Dwar ir-rapport maghmul minn Joseph Zammit nista nghid li l-valur ta' Lm 39500 ma ssugerejtux jien. Jiena ma tkellimtx fuq valuri ma' Joseph Zammit. Ghidtlu li jiena ridt li jtini l-valur taghha. Figuri ma semmejtx.*

*Il-vettura beghhejtha bi tpartit ma' erba karozzi. Ghamilna skrittura li pero' mhix qieghda fuqi. Nesebiha darb'ohra.*

*Qed nesebixxi bhala Dok AU l-agreement ta' tpartit li ghamilt meta jiena bghett il-vettura. Jiena tajtu l-karozza u hu, Frank Tonna, tani Syangyong li sewa Lm 5000, Mercedes li kienet tiswa Lm 12000 (Y plate) u Pajero Lm 4000. Kien hemm bilanc ta' Lm 6750 li kellhom jithallsu fuq b'rati mensili ta' Lm 1000. Kelli ghalhekk valur totali fil-mument tal-bejgh ta' Lm 27500.*

5. Id-dokumenti relattivi li gew esibiti kienu dawn:

- Dok SV 1 u SV 2 dokumenti li jirrigwardaw l-extras relattivi ghal vettura simili ghal dik mertu ta' din il-kawza.
- Dok AM il-ftehim dwar l-bejgh tal-vettura mir-rikorrenti
- Dok JM Survey maghmul minn James Mercieca
- Dok JZ 1 sa JZ 5 ritratti dwar il-hsara fil-vettura in kwistjoni.
- Dok JZ rapport maghmula minn Joseph Zammit.

6. In tema legali l-kwistjoni dwar deprezzament hija materja regolata mil-ligi tad-danni. Jigifieri meta nitkellmu dwar deprezzament inridu nfissru li min ikun bata d-deprezzament ikun ghamel telf reali minhabba l-fatt li l-vettura tieghu issa giet tiswa anqas minhabba l-hsara/incident li kellha.

7. *Naghmlu tlett riferenzi ghal kjarezza:*

- *Id-dritt ta' sid li wara incident li fih tigi danneggjata vettura jitlob kumpens ghad-deprezzament, irid jitqies fil-kuntest tad-dritt li danneggjat ghandu li jassigura li jigi rimborsat tad-danni kollha li sofra u li jerga jitqieghed, kemm hu possibbli, fl-istat li kien qabel l-incident. (29.11.99. 799/97/MM Joseph u Concetto konjugi Corrode vs John Chircop et.)*

- *Meta karozza tohrog fit-triq anki jekk tkun ilha ftit granet tkun tilfet ammont ragonevoli mill-valur taghha kieku kellha tigi biex tbieghha anki xahar wara li nharget fit-triq; dejjem tibqa' karozza sekondo mano u allura ma kellux jigi applikat il-prezz inizjali bhala l-punt tat-tluq ghall-finijiet tal-kalkolu ta’ deprezzament. (03.07.02. FD Attard Pirotta vs Farrugia Marianne)*

- *Il-principji generali regolanti materja ta' rizarciment ta' danni, kompriz ghalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz u ghalhekk f’kaz ta' rizarciment par equivalent ghandu jikkonsisti f’somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa.*

*Naturalment din ir-regola tar-"restitutio in integrum" hi kwalifikata minn regola ohra li timponi fuq l-attur id-dmir li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza tal-fatt illecitu, b'mod li jista' jigi ezkluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-rizarciment ta’ dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi.*

*Illum l-kazistika taghna takkorda f’decizjonijiet li rrikonoxxew il-principju illi d-deprezzament jirrientra bhala dritt fil-konsiderazzjoni tad-danni jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-fatt il-karozza, wara t-tiswija, ma tkunx giet tiswa daqs kemm*

*kienet tiswa qabel il-kollizjoni. (28.03.03. 1463/94/PS Michael Camilleri vs Joseph Saliba.*

8. Minn dawn is-sentenzi johrog bic-car li dak li ghandu jimporta lil min qed jiddeciedi huwa jekk fattwalment kienx hemm dan id-deprezzament. Din hija decizjoni bazata fuq fatt. Dawn it-tliet sentenza jikkonfermaw ukoll li hija decizjoni li spetta ghall-arbitru "... *il-Qorti tkun sodisfatta li fil-fatt il-karozza, wara t-tiswija, ma tkunx giet tiswa daqs kemm kienet tiswa qabel il-kollizjoni.*

9. F'dan il-kaz partikolari ghandna vettura li kienet ta' certu klassi. Dan huwa fatt pacifiku. Kif ukoll pacifiku li certu ammont ta' deprezzament kien hemm. Fil-kuntest tat-temi legali fuq diskussi dan li l-esponenti jridu jaghmlu huwa li jezaminaw primarjament ix-xhieda tas-surveyors relattivi.

10. Sfortunament ix-xhud Mario Cumbo (surveyor ta' certu esperjenza f'dan il-kamp) ma rax il-vettura in kwistjoni. Ghalhekk ir-rapport tieghu huwa fatalment menomat. Is-surveyor James Mercieca ma dahalx fil-kwistjoni ta' deprezzament ghaliex din ma kienitx fil-mansjoni tieghu. Joseph Zammit tqabbat mir-rikorrenti proprju sabiex jaghmel rapport dwar deprezzament u dana gie stabbilit fl-ammont ta' Lm 5800.

11. Ta' min jirrimarka wkoll li r-rappresentant tal-Kinds, Steven Camilleri, li huma l-agenti lokali ufficjali tal-marka Mercedes spjega li hawn Malta ma kienx hemm vetturi bhat tip in kwistjoni izda l-aktar wahda vicin kienet dik S 500 C li fl-1996 bhala gdida u bil-vat inkluz kellha valur ta' Lm 68,000.

12. Il-vettura nbieghet f'Gunju tal-2004 bi prezz ta' Lm 27500 (Dok AU). Fl-affidavit tieghu r-rikorrenti spjega li fil-mument ta' l-incident in kwistjoni kellu l-bejgh tal-vettura bi prezz ta' Lm 40,000. Dan jirrapresenta differenza ta' LM 12,500.

> 13. Dawn huma fatti! It-talba tar-rikorrenti hija ghal Lm 5000 li minnhoom Lm 4434 biss huwa dwar deprezzament. Stante r-rapport ta' Joseph Zammit it-talba tar-rikorrenti hija addirittura anqas!
>
> 14. L-arbitri ghamlu ezami fattwali u tekniku tal-aspetti kollha tal-kaz u ma jistghux ma jikkonkludux li fl-assjem tal-provi rrizulta li l-ammont ta' deprezzament dovut kien effetivament tajjeb - Lm 4434 huwa ammont ta' deprezzament ferm u ferm ragjonevoli quddiem il-fattispecji tal-kaz kollu.
>
> 15. Ghalhekk fl-umli opinjoni ta' l-esponenti t-talbiet attrici ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm 5000 ekwivalenti ghal €11,646.87c ghandhom jigu milqugha in toto bl-ispejjes u bl-imghax dekorribbli favur ir-rikorrenti mid-data tan-notifika tal-Avviz ta' Arbitragg.**"**

Is-socjeta` assiguratrici intimata appellat mil-lodo ta' l-Arbitru bl-aggravju kontestanti dik il-parti tieghu fejn l-Arbitru ddetermina illi l-imghax kienu dekoribbli mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ta' l-Arbitragg. In succint, hi tikkontendi dan li gej:-

1. L-appellati ma talbux somma likwida u allura kellu jvigi l-principju *in illiquidis non fit mora*;

2. L-appellat talbu l-hlas ta' Lm5800 ghad-deprezzament tal-vettura u gjaldabara l-Arbitru illikwida l-istess fis-somma ta' Lm4434 tali kien jiggustifika l-posizzjoni minnha assunta tan-nuqqas ta' hlas;

3. Kien difficli ghaliha li tkun taf x'somma hi minnha effettivament dovuta lill-appellati minghajr ma jsir stharrig gudizzjarju mill-arbitragg;

Ghal dan l-appell inghatat din it-twegiba mill-appellati:-

1. Kif jirrizulta mill-att introduttiv ta' l-Arbitragg huma llimitaw ruhhom ghall-ammont ta' Lm5000 (spejjez bilancjali u deprezzament) nonostante li s-*surveyor* kien apprezza d-deprezzament fis-somma ta' Lm5800;

2. L-informazzjoni kollha relattiva kienet diga` a konoxxenza tas-socjeta` assiguratrici appellanti minn qabel ma gew intavolati l-proceduri ta' l-Arbitragg, senjatament ukoll illi s-somma pretiza ghad-deprezzament kienet Lm4434;

3. Konsegwentement la l-ammont tad-deprezzament kien diga pre-determinat, il-kwestjoni ma kienetx wahda ta' likwidazzjoni;

Dan premess, hu evidenti illi d-divarju principali u esklussiv bejn il-kontendenti kif sottomessa bl-appell u bir-risposta ghalih tikkoncerna l-kwestjoni ta' l-imghax u, cjoe, jekk dawn kellhomx jibdew jghaddu mid-data tal-gudizzju permezz tal-lodo, kif hekk kontez mis-socjeta` appellanti fuq l-istregwa tal-gurisprudenza minnha citata jew, inversament, kif sostnut mill-appellati, mid-data stabbilita mill-Arbitru fil-lodo tieghu. Evidentement, minn kif ikkoncepita, il-materja devoluta bl-appell u bl-opposizzjoni ghalih hi wahda merament ta' indoli legali;

Huwa opportun in linea ta' principju introduttiv illi jigi qabel xejn premess illi skop essenzjali tar-rizarciment tad-danni derivati minn fatt illecitu jew akwiljan, bhal ma hu dak prezenti, huwa r-re-integrazzjoni tal-patrimonju tad-denneggjat b'mod li jigi mqieghed fl-istess kondizzjoni ekonomika b'rizarciment ta' somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa. Il-principju hu ormai ben saldat kif hekk ezemplifikat fis-sentenzi fl-ismijiet "**Emmanuela Galea *proprio et nomine* -vs- Paolo Gatt *et***" Appell Civili, 24 ta' Novembru, 1958; "**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977 u f'bosta decizjonijiet ohra sa recentement hafna. Dan ukoll fil-kaz ta' dannu derivat minn incident u li jgib bhala konsegwenza tieghu

d-deprezzament tal-vettura. Ara "**Avukat Dottor Giuseppe M. Camilleri -vs- Salvu Bonnici *et nomine***", Appel Civili, 8 ta' Mejju, 1978 u "**Michael Camilleri -vs- Joseph Saliba**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Marzu, 2003 pronunzjata mill-Imhallef sedenti. Naturalment, tinsorgi dejjem il-kwestjoni dwar l-fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni u l-kalkolazzjoni attinenti ghalihom ghall-fini tar-re-integrazzjoni tal-patrimonju tad-danneggjat li jkun issubixxa t-telf;

Ghal kaz ta' danni extra-kontrattwali hu mill-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili dispost illi "l-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha ... hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lilll-parti li tbati l-hsara ...". L-istess disposizzjoni torbot imbaghad it-telf ta' qligh ma' l-inkapacita` ghal dejjem konsegwenti minn dak l-istess eghmil. Xi haga simili jipprovdi l-Artikolu 1135 ta' l-istess Kodici fil-kaz ta' danni kontrattwali, billi anke hawn id-danni huma konfigurati fit-telf li jbati l-kreditur u l-qligh li jkun gie mtellef. Fiz-zewg ipotesijiet it-telf effettiv huwa l-konsegwenza immedjata u diretta ta' l-illecitu jew ta' l-inadempjenza. Jikkonsegwi minn din il-formula ssuggerita miz-zewg disposizzjonijiet illi r-re-integrazzjoni tal-patrimonju huwa in essenza ri-empit mit-telf subit;

Issa skond l-orjentament tradizzjonali traccjat fil-gurisprudenza jidher li meta dak it-telf jigi espress f'konsiderazzjoni monetarja jittiehed qies tal-valur fiz-zmien tal-fatt li jkun ta' lok ghall-hsara, hekk kwalifikat bhala dannu emergenti. Qajla f'materja ta' danni purament materjali tinghata debita konsiderazzjoni lil xi zvalutazzjoni monetarja li fil-frattemp tkun interveniet bejn id-data li fih dak il-fatt issuccieda u dik tal-likwidazzjoni jew bejn din u l-pronunzjament gudizzjali. Jezistu veru kazijiet fejn l-*aestimatio rei* tkun referita ghaz-zmien l-aktar qrib possibbli ghal gudizzju finali u tenut kont ukoll ta' xi sopravvenuta svalutazzjoni monetarja (ara, ad ezempju, fil-kaz ta' likwidazzjoni ta' legittima, "**Concetta Vella *et* -vs- Giuseppa Bugeja *et***", Appell Civili, 10 ta' Dicembru, 1973; jew fil-kaz ta' invazjoni ta' art, is-sentenzi "**Carmel**

**Vella -vs- Victor Sammut *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Frar, 2004 u "**Victor Mangion *et* -vs- Raphael Aquilina *et***", Appell, 30 ta' April, 2009), izda fil-kaz hawn prospettat, almenu minn dak ricerkat, din ir-rivalutazzjoni di regola ma ssirx. L-unika koncessjoni li ssir hi dik ghall-imghax, anke jekk hawn ukoll ghad-dekorriment taghhom jiddependi mill-okkorrenza ta' certa qaghda. Fil-hsieb ta' din il-Qorti huwa forsi l-kaz li anke f'sitwazzjonijiet bhal dik hawn ikkontemplata t-telf effettiv li ssemmi d-disposizzjoni ghandu jiehu kura, permezz ta' rivalutazzjoni, li jqieghed verament lid-danneggjat fis-sitwazzjoni patrimonajli li kellu qabel ma ngieb fis-sehh il-fatt illecitu li ggenera d-dannu;

Il-Qorti s'intendi tirrikonoxxi illi l-vera kwestjoni li ghandha quddiemha mhix strettament din izda wahda inerenti ghad-dekorriment ta' l-interessi fuq l-ammont tad-dannu. Konsiderati flimkien l-Artikolu 1141 (2) u l-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili, hi regola illi fejn is-somma ma tkunx determinata ma jghaddux imghaxijiet hlief mid-data li fiha dik is-somma tigi likwidata. Hu pero` ritenut ukoll illi din l-istess regola mhix wahda assoluta u, anzi, jista' jkun hemm kazijiet fejn il-massima *in illiquidis non fit mora*, avolja l-kreditu huwa illikwidu, issofri eccezzjoni. Ad ezempju, fejn il-konvenut ikun jaf bis-somma dovuta jew meta l-likwidazzjoni tal-kreditu ma tkunx saret jew tigi ritardata bi htija tal-konvenut. Ara "**Robert Borg *pro et* -vs- Carmelo Sullivan**", Appell Kummercjali, 26 ta' Ottubru, 1970 u "**Mary Briffa -vs- Stella Camilleri**", Appell Civili, 12 ta' Frar, 1980;

Fil-kaz prezenti huwa difficli ghal din il-Qorti illi taccetta s-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti illi ma kellhiex gharfien tas-somma li l-appellati kienu qeghdin jippretendu ghad-deprezzament meta hi stess tistqarr illi l-kwantum kien wiehed ikkontestat minnha u, dippju, kif jirrizulta mill-premessi tal-lodo il-partijiet stess iddikjaraw illi l-punt ewlieni ghal konsiderazzjoni kien wiehed centrat fuq id-deprezzament ta' Lm4434. Inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-15 ta' Jannar, 1952 fl-ismijiet "**Antonio Buttigieg -vs- Salvatore Said**" illi fejn "id-

debitur jista' jkun jaf approssimativament kemm jilhaq id-debitu tieghu, id-debitur jista' jiddepozita somma approssimativa, salva reintegarazzjoni biex, minflok li d-debitur jibqa' jgawdi huwa ingustament l-imghax fuq is-somma dovuta lill-kreditur, jaghti lil dan l-opportunita` li jizbanka dak l-ammont, bla pregudizzju, u jgawdi huwa l-interessi fuq flusu stess. Jekk id-debitur ma jaghmelx depozitu simili, ikun kaz iehor fejn il-massima (*in illiquidis non fit mora*) dwar id-dekorrenza ta' l-imghax ma ghandhiex tkun applikabbli";

Apparti li kif diga ntqal is-somma kapitali tad-dannu ma tigix rivalutata ghall-iskop tar-re-integrazzjoni shiha tat-telf subit, kif hekk hu indikat skond l-ekwita` u l-haqq li ghandu jkun, il-kriterju kompensattiv ta' l-interessi ghandu, nonostante kollox, iservi biex jikkompensa lid-denneggjat ghat-telf ta' l-utilita`, ekonomikament apprezzabbli, li hu jkun sofra, almenu fiz-zmien interkors bejn is-sejha bl-att gudizzjarju, ossija l-bidu tal-procediment, u d-decizjoni finali. Jekk xejn, dawk l-istess interessi ghandhom iservu biex jaghmlu tajjeb ghall-pregudizzju ulterjuri dixxendenti mid-dewmien tar-rizarciment monetarju tad-dannu. Dan ghandu jkun hekk maggorment f'dan il-kaz fejn, biex wiehed jissellef mis-sentenza, ukoll citata mis-socjeta` appellanti, "jirrizulta li l-ammont likwidat hu effettivament l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, u l-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat sempliciment mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament billi jiffranka l-flus ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat" ("**Francis Xavier Aquilina -vs- Andrew Mamo *nomine***", Appell, 19 ta' Novembru, 2001);

Minn dan ikkonsidrat jidher li mhux barra minn loku r-riljev maghmul mill-Arbitru f'dan il-kaz illi l-interessi jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ta' l-Arbitragg.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma l-lodo ta’ l-Arbitru, bl-ispejjez ta’ din il-procedura jitbatew mis-socjeta` assiguratrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------